# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 498/2014**

Il-Pulizija

vs

**Christine Camilleri**

bint John, imwielda Pieta’, fit-13 ta’ Awwissu, 1977, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 402277(M)

Illum, 14 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Christine Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-6 ta’ Gunju 2013 fil-5:25pm bil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GF02WNB, fi Fleur De Lys, Santa Venera u f'dawn il-Gzejjer:

1. Saqet, gieghlet jew halliet vettura bil-mutur jew vettura ohra tinstaq, li ma kelliex licenzja;

2. Saqet, gieghlet jew halliet vettura bil-mutur tinstaq minghajr il-pjanci tan-numri tar-registrazzjoni fuq in-naha ta’ quddiem u ta’ wara tal-vettura;
3. Uzat, gieghlet jew halliet lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-triq minghajr polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni; u
4. Bhala l-persuna li mportat jew gabet f’Malta vettura bil-mutur tal-marka BMW, bin-numru tar-registrazzjoni GF02WNB, naqset li fi zmien ghoxrin jum minn meta l-imsemmija vettura tkun waslet Malta, tipprezenta applikazzjoni u tipprovdi d-dokumenti kollha rilevanti lill-awtorita ghat-trasport f’Malta ghar-registrazzjoni tal-imsemmija vettura kif mitlub bil-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ Novembru, 2014 fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u ikkundannatha multa ta’ €2,500 liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta’ pagamenti ta’ €100 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta’ Jannar, 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta’ xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u fin-nuqqas ta’ tali hlas, il-bilanc ta’ l-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta’ ebda att gudizzjarju iehor u kif ukoll issospenditilha l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur mil-lum u ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-imputata il-licenzja tas-sewqan minnufih b’dan illi dana ghandha tigi ritornata lill-imputata wara li jkun skada t-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanta Christine Camilleri minnha pprezentat fil-5 ta’ Dicembru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar il-25 ta’ Novembru, 2014 billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitha hatja tal-akkuza mmarkata bin-numru 3, tbiddilha f’dik il-parti fejn sabitha hatja tal-akkuzi mmarkati bin-numri 1,2 u 4 u konsegwentement minnhom tilliberaha, u fin-nuqqas, tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitha hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, tbiddilha f’dik il-parti fejn ikkundannatha ghal hlas ta’ elfejn u hames mitt Euro (€2,500) u fejn giet sospiza l-licenzja taghha ghal zmien tlett xhur, u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja inkluz it-thassir tas-sospensjoni tal-licenzja salv kull provvediment xieraq u opportun.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti prodotti quddiemha.

Illi mill-ewwel ghandu jinghad li l-vettura li kienet qieghda taghmel uzu minnha l-esponenti kienet vettura li giet importata minn terza persuna, maghrufa sewwa ghax-xoghol ta' negozju minn vetturi li taghmel fil-gzejjer Maltin.

Illi fil-fatt dina l-vettura kienet qieghda ghand is-sieheb tal-appellanta, certu Richard Cuschieri, sabiex isir xi xoghol ta' tiswijiet fl-elettriku tal-istess vettura bil-hsieb li dina tigi ritornata ghand id-dealer u jsir negozju minnha, f'liema negozju la s-sur Cuschieri, u bil-wisq anqas l-esponenti ma kellhom l-ebda interess.

Illi effettivament dina l-vettura kienet qieghda tinstaq mill-esponenti fejn hija giet imwaqqfa mill-pulizija tat-traffiku, fejn warajha kien hemm ukoll isuq is-sur Richard Cuschieri, is-sieheb tal-appellanta, sabiex wara li l-istess vettura tigi kkonsenjata mill-gdid ghand id-dealer, huma jirritornaw lejn djarhom flimkien, fil-vettura li kienet qieghda tigi misjuqa mill-istess Richard Cuschieri.

Illi ghandu jinghad ukoll illi filwaqt li l-appellanta giet imwaqfa mill-ufficjali tal-pulizija kif inghad, l-vettura de quo kellha pjanci tat-Trial Run numru 52, u li effettivament dina l-vettura kienet qieghda biss tinstaq minn garage li fih saru t-tiswijiet minn sieheb l-appellanta, lura ghal garage li fih dina l-vettura kienet qieghda tinzamm mis-sid taghha, li kif inghad mhuwiex l-appellanta Camilleri.

Illi tenut kont ic-cirkostanzi, partikolarment il-fatt li ghal dina l-vettura l-awtorita inkarigata mit-trasport f'Malta kienet effettivament harget il-pjanci ta' Trial Run, u li kienet qieghda tinstaq limitatament minn garage ghal iehor wara li saru xi tiswijiet fuq l-istess vettura, l-esponenti tirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssib htija fuq l-ewwel, u fuq it-tieni akkuza.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tielet akkuza, senjatament dik li permezz taghha l-imputata qieghda tigi akkuzata talli saqet vettura li ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni, ghad li l-vettura ma kinitx fil-pussess taghha qabel il-gurnata msemmija fl-akkuza u li kien jinkombi fuq is-sid li jara li dina l-istess vettura tkun hekk koperta, l-esponenti tirrimetti ruhha ghal gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi mbaghad ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-raba` akkuza, jehtieg jinghad li r-registrazzjoni skont il-ligi ta' vettura mportata bhal ma hija dik odjerna, f'dan il-kaz certament mhuwiex kompitu tal-esponenti u li se mai jinkombi fuq is-sid li jara li dina l-vettura tkun hekk registrata fit-termini tal-ligi. Bir-rispett, l-appellanta li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti hija biss persuna li semplicement ittantat tghin lis-sieheb taghha fin-negozju tieghu billi wasslet lill-vettura minn garage ghal iehor – jekk is-sid jew l-importatur kellu l-obbligu, kif kellu, li jirregistra dina l-vettura mal-awtoritajiet kompetenti zgur li dana l-obbligu ma kienx tal-esponenti u li hija qatt ma tista` tirrispondi ghalih. Illi se mai, u in pessima ipotezi, kellhom ukoll jinhargu akkkuzi simili fil-konfront tas-sid u imbaghad, tkun il-Qorti li tiddeciedi dwar dan.

Illi ghalhekk l-appellanta qieghda titlob ukoll li tigi lliberata mir-raba` akkuza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li l-esponenti hija omm ta' zewg ulied ta' tmien snin u ta' hames snin, u li hija l-unika persuna li tiehu hsieb twassal u tigbor lil uliedha mill-iskola u mill-attivitajiet extra-kurrikulari taghhom. In oltre jinghad ukoll li wiehed minn uliedha jbaghti minn certu kondizzjonijiet li necessarjament jirrikjedu lill-omm twassal lil binha sabiex jattendi ghall-appuntamenti li jkollu gewwa l-isptar fuq bazi regolari hafna kif ser jigi pprovat, u li ghaldaqstant id-difiza qieghda tistieden lil dina l-Onorabbli Qorti mill-gdid tikkunsidra dik il-parti tal-piena fejn il-licenzja tas-sewqan giet sospiza ghal zmien tlett xhur.

Illi finalment jinghad ukoll li l-esponenti hija persuna li ghandha fedina penali netta u omm ezemplari. Umilmnet jigi sottomess illi dawn ic-cirkostanzi partikolari ghandhom jigu riflessa fil-piena illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha teroga fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz kien wiehed sommarja u ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex it-traskrizzjoni tax-xiehda quddiemha. Fil-fatt, din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett ta' dak li semghet. Jirrizulta li l-appellanta kienet qed issuq din il-karozza li ma kellhiex licenzja, li ma kellhiex pjanci u li ma kienitx assikurata b'polza valida. Min-naha l-ohra, jirrizulta li l-appellanta ma kienitx l-persuna li mportat din il-vettura fil-Gzejjer maltin.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Christine Camilleri dwar l-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra taghha u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar ir-raba' akkuza. Tilqa l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellanta minn kull htija u piena. Dwar il-piena. Tichad l-appell ta' Christine Camilleri u tikkonferma l-multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500). Tordna li tali multa tithallas f'rati mensili ta' sebghin euro (€70) il-wahda, l-ewwel pagament ghandu jsir fit-30 ta' Gunju, 2017 u fl-ahhar gurnata ta' kull xahar sussegwenti. Illi mill-atti jirrizulta li l-appellant ghandu bzonn il-licenzja tas-sewqan minhabba t-tfal taghha u ghalhekk din il-Qorti tirrevoka s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan taghha u tordna li l-licenzja tal-appellanta tibqa valida u ma tigiex sospiza.